PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-każ M.9866 — United Group/Forthnet)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 234/04)

1. Fid-9 ta' Lulju 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— NEWCO United Group Hellas S.A.R.L. ("NewCo", il-Lussemburgu), li hija sussidjarja posseduta kollha minn United Group BV ("United Group", in-Netherlands), li ultimament hija kontrollata kompletament minn BC Partners LLP ("BC Partners", ir-Renju Unit),

— Hellenic Telecommunications and Telematic Applications S.A. ("Forthnet", il-Greċja).

Permezz ta' NewCo, United Group jakkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' Forthnet.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal United Group: fornitur tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni u tal-midja fix-Xlokk tal-Ewropa, fejn topera kejbil multiplay u pjattaforma tal-midja.

— għal Forthnet: operatur tat-telekomunikazzjonijiet, attiv fil-Greċja u f'Ċipru, taħt il-marka "NOVA". Huwa jipprovdi servizzi tat-telefonija fissa, broadband fiss u servizzi tat-televiżjoni bi ħlas (kemm permezz tas-satellita kif ukoll permezz tal-Internet (permezz tal-hekk imsejħa servizzi "over-the-top") lil klijenti residenzjali, tan-negozju u istituzzjonali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li dejjem tiġi speċifikata din ir-referenza:

M.9866 — United Group/Forthnet

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-posta elettronika, bil-faks jew bil-posta. Int mitlub tuża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË